MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2004

Numru 442/2004

**PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**VS**

**WINSTON GERA**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Winston Gera ta’ 31 sena bin Joseph u Monika nee’ Bonello, imwieled Sliema fil-31 ta’ Mejju 1972, li fil-prezent joqghod Flat 2,

Dibrell Flats, Triq il-Klarissi, San Giljan, detentur tal-karta ta’ l-identita’ 239672 (M);

Talli fis-16 ta’ Ottubru 2003 minn gewwa ‘Azzopardi Jewellery’, sitwat fi Triq Sant’Anna gewwa l-Furjana u fit-13 ta’ Mejju 2004 minn gewwa ‘Vascas’, sitwat fi Triq il-Merkanti l-Belt Valletta;

B’diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u jkunu gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda u cioe’ ikkommetta serq ta’ zewg crieket minn gewwa ‘Azzopardi Jewellery Shop’, ghad-dannu ta’ l-istess sid, u kkommetta serq ta’ tlett arloggi minn gewwa ‘Vascas’, ghad-dannu ta’ l-istess sid, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin, u bil-valur li ma’ jeccedix l-elf lira maltin.

U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi, u/jew fil-granet ta’ wara dawn id-dati, f’dawn il-Gzejjer, xjentement xtara jew laqa’ ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b’kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, liema oggetti kienu gejjin minn serq ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin.

Wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 18, 21, 261(b)(c) (f) u (g), 263, 267, 270, 271u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U wara illi semghet ix-xhieda prodotta, rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti, kif ukoll illi r-refurtiva gew kollha ritornati lil sidhom;

Ikkonsidrat:

Illi l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata ta' l-istess imputat, ma' thalli ebda alternattiva lil din il-Qorti hlief li ssibu hati ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu mill-Prosekuzjoni.

Ghar-reat ta' serq ikkwalifikat kif indikat fic-citazzjoni, il-piena skond il-ligi hija dik karcerarja. Izda fic-cirkostanzi tal-kaz, wara riflessjoni akkurata u wara konsiderazzoni dwar il-programm ta' ri abilitazzjoni mid-droga, li l-imputat qieghed isegwi, din il-Qorti hi tal-fehma li tali piena karcerarja m'hijiex dik indikata ghac-cirkostanzi tal-kaz in ezami. Ghalhekk din il-Qorti sejra tapplika d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 21 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta

Ghar-rigward tal-Piena, din il-Qorti filwaqt li ssibu hati, qieghda tiehu konjizzjoni tal-ammissjoni bikrija tal-istess imputat, u tal-ko operrazzjoni tieghu mal-Pulizija, u wara li rat il-fedina penali tal-imputat u semghet lil Charles Cutajar, ufficjal tal-komunita' ta' Santa Marija, tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma' jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax-il-xahar (18) millum a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Inoltre, il-Qorti tordna li l-istess imputat jibqa' jattendi l-komunita' ta' Santa Marija, Hal Luqa, u hemm jaghmel il-kors ta' rijabilitazzjoni u jtemmu b'success, inkluz ir-"re-entry" u l-"after care" tal-istess program.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------